31987D0177

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-9 ta' Frar 1987
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadri għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Isvezja, il-Konfederazzjoni Svizzera, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika ta' l-Awstrija

(87/177/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Ftehim Kwadri għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Isvezja [2], il-Konfederazzjoni Svizzera [3], ir-Repubblika tal-Finlandja [4], ir-Renju tan-Norveġja [5] u r-Repubblika ta' l-Awstrija [6] ġew iffirmati fit-13 ta' Jannar 1986, fit-8 ta' Jannar 1986, fid-29 ta' April 1986, fis-27 ta' Ġunju 1986 u fil-15 ta' Lulju 1986, rispettivament;

Billi dawk il-Ftehim Kwadri għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Kwadri għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Isvezja, il-Konfederazzjoni Svizzera, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika ta' l-Awstrija qegħdin b'din jiġu approvati f'isem il-Komunitá Ekonomika Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni maħsuba f'Artikolu 13 tal-Ftehim Kwadri [7] f'isem il-Komunitá Ekonomika Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Frar 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

M. EYSKENS

---

[1] ĠU Ċ 7, tat-12.1.1987.
[2] ĠU L 313, tat-22.11.1985, p. 1.
[3] ĠU L 313, tat-22.11.1985, p. 5.
[4] ĠU L 78, ta' l-24.3.1986, p. 23.
[5] ĠU L 78, ta' l-24.3.1986, p. 26.
[6] ĠU L 216, tal-5.8.1986, p. 7.

[7] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-Ftehim trid tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.